MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2013

Numru 11/2013

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Justo Ernesto Bellver Bayo**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuża numru 11 tas-sena 2013 kontra l-akkużat Justo Ernesto Bellver Bayo, li bih huwa ġie akkużat talli:

1. Wara li l-Avukat Ġenerali ppremetta fl-Ewwel Kap illi fis-17 ta' Ġunju tas-sena elfejn u għaxra (2010), u fil-gimgħat u xhur ta' qabel, JUSTO ERNESTO BELLVER BAYO (minn hawn il-quddiem magħruf bħala "l-akkużat") iddeċieda illi jibda jassoċja ruħu ma' nies oħrajn sabiex jibda jimporta, jmexxi u jittraffika fid-droga eroina f'Malta.

Fil-fatt fiż-żminijiet hawn fuq imsemmija, l-akkużat kien ġie Malta minn Amsterdam, l-Olanda fuq titjira

diretta KM 397. Xi żmien qabel ġie Malta, l-akkużat, li dak iż-żmien kien jinsab bla xogħol, iltaqa' ma' ħabib tiegħu (Carlos) li ħajru jibda jġorr id-droga biex jaqla' lira tajba. Dan Carlos ta lill-akkużat in-numru tat-telefon ta' persuna li l-akkużat jirreferi għaliha bħala Daniel. Wara xi żmien l-akkużat ċempel lil dan Daniel u Daniel qallu li kien ser iċempillu lura. Wara xi ġimgħa Daniel ċempel lill- akkużat u spjegalu xi jrid jagħmel eżatt biex iġorr din id-droga. L- akkużat konxjament aċċetta li jagħmel dan.

Fil-fatt l-akkużat ftiehem ma' Daniel li minn Spanja jmur Amsterdam. Kif jasal Amsterdam kellu jaqbad *train* numru 9 u minn ġo *dustbin* ħdejn it- *train station* f'Amsterdam kellu jiġbor basket li fih kellu żarbun bid-droga li l-akkużat kellu jdaħħal Malta. Il-passaġġ tal-ajru minn Spanja għall-Olanda ħallsu Daniel u dan fil-fatt kien ta istruzzjonijiet lill-akkużat sabiex imur ġewwa *cafeteria* f'Valencia u f'*dustbin* fit-*toilet* tal-irġiel kellu jsib id-dokumenti meħtieġa u ċioe' l-biljett tal-ajru għall-Olanda, 200 Euro, *mobile* Samsung u *sim card.* Din l-istess *sim card* kellha tintuża biss sakemm l-akkużat jasal l-Olanda. Minn hemm kellu jixtri *sim card* oħra u jarmi dik l-istess s*im card* li sab Valencia.

Kif jasal Malta l-akkużat kellu jaqbad *taxi* u jmur ġewwa l-hotel 'Sea Breeze' f'B'Buġia. Kif jasal f'din il-hotel kellu jibgħat messaġġ lil Daniel biex dan itih struzzjonijiet kif għandu jforni id-droga. Għas-servizz tiegħu li jżomm, jimporta u jforni d-droga eroina msemmija, l-akkużat kellu jitħallas ammont ta' tlett elef Euro (€3000).

B'hekk l-akkużat ftiehem u ppjana ma' persuna oħra (Daniel), mhux biss dwar in-natura u l-piż tad-droga li kellu jittrasporta f'Malta (eroina), iżda wkoll ir-rotta li kellu jaqbad biex jasal f' Malta wara li Daniel xtara lill-akkużat il-biljetti tal-ajru kif ukoll il-mod ta' kif id-droga kellha tiġi ppakkjata u moħbija (fiż-żarbun), kif ukoll il-mezz tat-trasport (bl-ajru), li permezz tiegħu kellu jasal f'Malta jġorr fiż-żarbun tali droga sabiex eventwalment din id-droga tkun tista tiġi imqasmma u traffikata f'Malta.

In esekuzzjoni ta’ dan il-pjan maħsub minn qabel, l-akkużat fil-fatt ammetta fl-istqarrija meta kien ġie nterrogat illi kien jaf li fiż-żarbun li kien liebes kien hemm ammont sostanzjali ta’ droga. Minn Amsterdam wasal Malta fis-17 ta’ Ġunju tas-sena elfejn u għaxra (2010) liebes l- imsemmi żarbun.

Membri tad-Dwana ġewwa l-Ajruport minn flight diretta minn Amsterdam, waqqfu passiġier, illum l-akkużat, miħabba li kellhom alert mis-CIS (Customs Intelligence Section). L-istess membri tad-Dwana nnuttaw li ż-żarbun kien xi ftit suspettuż u wara li għamlu search fuq il- persuna, ulterjorment għamlu search fuq iż-żarbun. Ittaqbet toqba u minn din it-toqba beda ħiereġ trab kannella suspettat droga eroina.

Wara eżamijiet li saru fuq is-sustanza li nstabet fiż-żarbun, minn esperti maħtura mill-Maġistrat Inkwirenti irriżulta li kien hemm id-droga eroina f’ammont nett ta’ 1127.9 grammi b’purita ta’ madwar 26.7%.

Id-droga eroina hija msemmija fit-Taqsima I ta’ l-Ewwel Skeda li tinsab ma’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi.

Illi b’għemilu, l-akkużat sar ħati talli assoċja ma’ xi persuna jew persuni oħra f’Malta jew barra minn Malta sabiex ibeigħ jew jitraffika mediċina f’Malta (eroina) kontra d-disposizzjonijiet ta’ l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assoċjazzjoni.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali f’isem ir-Repubblika ta’ Malta, fl-isfond tal-fatti, ċirkostanzi, lok u żminijiet aktar il-fuq imsemmija f’dan l-att t’akkuża, akkuża lill-imsemmi JUSTO ERNESTO BELLVER BAYO talli fis-sbatax ta’ Ġunju tas-sena elfejn u għaxra (2010) u fil-ġimgħat u x- xhur preċedenti, assoċja ma’ xi persuna jew persuni oħra f’Malta jew barra minn Malta sabiex ibigħ jew jitraffika mediċina f’Malta (eroina) kontra d-disposizzjonijiet ta’ l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi,

jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assoċjazzjoni;

u talab illi jingħamel skont il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi jiġi kkundannat għal piena ta' priġunerija għal għomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija disgħa u għoxrin Euro sebgħa u tletin ċenteżmi (€2,329.37) iżda mhux iżjed minn mija u sittax il-elf erba' mija tmienja u sittin Euro sebgħa u sittin ċenteżmu (€116,468.67) u l- konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l- konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d)(7), 22(A), 24A, u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u fl-artikoli 17, 23, 23A, 23B, 23C u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skont il-Liġi tingħata għal-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

2. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi fil-kuntest ta' ċirkostanzi u żmien imsemmi fl-ewwel kap ta' dan l-att t'akkuża u ċioe' fis-sbatax ta' Ġunju tas-sena elfejn u għaxra (2010) u fil-ġimgħat u xhur preċedenti l-akkużat ftiehem ma' persuna u bejniethom ftehemu li **l-** akkużat kellu jimporta klandestinament f'Malta kwantità tad-droga eroina sabiex din tiġi mibjugħa u ttrafikata f'Malta.

In fatti huma ftehemu li l-akkużat kellu jigi lejn Malta wara li jkun libes żarbun li fil-qiegħ tiegħu kellu moħbi d-droga eroina. In eżekuzzjoni ta' dan il-pjan tagħhom, fis-sbatax ta' Ġunju tas-sena 2010, l-akkużat telaq minn Amsterdam, wara li kien libes iż-żarbun li kien fih id-droga hawn fuq imsemmija rikeb l-ajruplan lejn Malta minn Amsterdam fuq it-titjira KM 397. Dan l-ajruplan wasal Malta, u l-akkużat niżel l-art, u b'hekk l- akkużat irnexxielu jimporta konxjament fil-Gżejjer Maltin 1127.9 grammi ta' droga eroina.

Membri tad-Dwana ġewwa l-Ajruport minn flight diretta minn Amsterdam, waqqfu passiġier, illum l-akkużat, miħabba li kellhom alert mis-CIS (Customs

Intelligence Section). L-istess membri tad-Dwana nnuttaw li ż-żarbun kien xi ftit suspettuż u wara li għamlu search fuq il- persuna, ulterjorment għamlu search fuq iż-żarbun. Ittaqbet toqba u minn din it-toqba beda ħiereġ trab kannella suspettat droga eroina.

Wara eżamijiet li saru fuq iis-sustanza li nstabet fiż-żarbun, minn esperti maħtura mill-Maġistrat Inkwirenti irriżulta li kien hemm id-droga eroina f'ammont nett ta' 1127.9 grammi b'purita ta' madwar 26.7%.

Id-droga eroina hija msemmija fit-Taqsima I ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi.

Illi b'għemilu l-imsemmi JUSTO ERNESTO BELLVER BAYO ġiegħel li tiġi importata jew għamel xi ħaga biex tkun tista' tiġi importata mediċina perikoluża (eroina) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u ċioè meta ma kellux awtorizzazzjoni ta' importazzjoni valida.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond tal-fatti, ċirkostanzi, lok u żminijiet hawn fuq imsemmija f'dan il-kap ta' dan l-att t'akkuża, akkuża lill-imsemmi JUSTO ERNESTO BELLVER BAYO talli nhar is-sbatax ta' Ġunju elfejn u għaxra (2010) importa, ġiegħel li tiġi importata jew għamel xi ħaġa biex tkun tista' tiġi importata mediċina perikoluża (eroina) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l- Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u ċioè meta ma kellux awtorizzazzjoni ta' importazzjoni valida;

u talab illi jingħamel skont il-Ligi kontra l-imsemmi akkużat u illi jiġi kkundanat għall-piena ta' priġunerija għal għomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija disgħa u għoxrin Euro sebgħa u tletin ċenteżmi (€2,329.37) iżda mhux iżjed minn mija u sittax il-elf erba' mija tmienja u sittin Euro sebgħa u sittin ċenteżmu (€116,468.67) u l- konfiska favur il-Gvern ta' l-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l- konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli oħra tal-

persuna hekk misjuba ħatja skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 9, 10(1), 12, 14, 15A, 22(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d)(7),22(A), 24A, u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u fl-artikoli 17, 23, 23A, 23B, 23C u 533 tal- Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skont il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

3. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tielet Kap illi fil-kuntest ta' żmien, lok u ċirkostanzi indikati fl-ewwel u fit-tieni kap ta' dan l-att ta' akkuża, u ċioè fis-sbatax ta' Ġunju tas-sena elfejn u għaxra (2010), l-akkużat JUSTO ERNESTO BELLVER BAYO, mal-wasla tiegħu f'Malta, kellu moħbija fiż-żarbun 1127.9 grammi ta' droga eroina, u għalhekk kien fil-pussess konxju ta' dan l-ammont ta' droga eroina, li kienet intiża biex tigi kkonsenjata mill-akkużat lil persuna oħra f'Malta sabiex eventwalment tiġi mmexxija u traffikata f'Malta. Fortunatament l- intervent f'waqtu ta' l-uffiċjali tad-Dwana fl-ajruport internazjonali ta' Malta sfratta dan il-pjan. Din id-droga ma kienetx intiża sabiex JUSTO ERNESTO BELLVER BAYO jużaha jew jikkonsmaha hu personalment.

Id-droga eroina hija msemmija fit-Taqsima I ta' l-Ewwel Skeda li tinsab mal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi.

Illi b'għemilu l-imsemmi JUSTO ERNESTO BELLVER BAYO sar ħati talli kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħrug mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienx bil-liċenza jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenza mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa u ma kienx awtorizzat bir- Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorità mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga fil-pussess tiegħu, u dik id-droga ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skont

riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il- pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, lok, fatti u żmien hawn fuq imsemmija f'dan il-kap t'akkuża, akkuża lill-imsemmi JUSTO ERNESTO BELLVER BAYO talli fis-sbatax ta' Ġunju tas-sena elfejn u għaxra (2010) kellu fil-pussess konxju tiegħu id-droga eroina meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħrug mit- Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienx bil-liċenza jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-licenza mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa u ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorità mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id- droga fil-pussess tiegħu, u dik id-droga ma gietx fornita lilu għall-użu tiegħu skont ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu eskluzziv tiegħu;

u talab illi jingħamel skont il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi jiġi kkundanat għall-piena ta' priġunerija għal għomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija disgħa u għoxrin Euro sebgħa u tletin ċenteżmi (€2,329.37) iżda mhux iżjed minn mija u sittax il-elf erba' mija tmienja u sittin Euro sebgħa u sittin ċenteżmu (€116,468.67) u l- konfiska favur il-Gvern ta' l-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l- konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d)(7), 22(A), 24A u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-regola 9 tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi

Perikolużi u fl-artikoli 17, 23, 23A, 23B, 23C u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skont il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Rat l-atti kollha proċesswali, inklużi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat ir-Rikors Konġuntiv tal-Avukat Generali u tal-akkużat Justo Ernesto Bellver Bayo, tat-8 ta' Novembru, 2013, fejn, wara li ddikjaraw li kienu qed jaqblu fit-termini tal-artikolu 453A(1) tal-Kodiċi Kriminali u wara li ħadu in konsiderazzjoni li f'dan il-kaz ghandu japplika dak li jipprovdi l-artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta talbu li fl-eventwalita' li jkun hemm ammissjoni da parti tal-akkużat għall-akkużi miġjuba kontrih il-piena li għandha tiġi inflitta fuqu minn din il-Qorti għandha tkun waħda ta' priġunerija għal perjodu ta' hdax-il sena (11) flimkien ma' multa ta' tlieta w ghoxrin elf Ewro (€23,000) u dan oltre kwalsiasi sanzjoni u/jew konsegwenza oħra konsegwenzjali ghad-dikjarazzjoni u sejbien ta' ħtija ai termini tal-Kapitoli 9 u 101 tal-Ligijiet ta' Malta, inkluz il-konfiska ta' kwalunkwe flejjes u tal-propjeta` mobbli u mmobbli appartenenti lill-istess akkuzat.

Rat illi waqt is-seduta tat-18 ta' Gunju, 2013, l-akkużat, mistoqsi jekk huwiex ħati skont l-Att tal-Akkuża, wieġeb billi stqarr li huwa kien ħati tar-reati hemm dedotti kontra tiegħu fl-Att tal-Akkuża;

Rat illi wara li l-Qorti wissiet lill-akkużat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' din it-tweġiba u tatu ftit taż-żmien biex jerga' lura minnha, kif obbligata li tagħmel skont l-artikolu 453 (1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-akkużat baqa' jtenni t-tweġiba li huwa kien ħati.

Tiddikjara għalhekk lill-ħati Justo Ernesto Bellver Bayo, ħati talli:

1. fis-17 ta' Gunju, 2010 u fil-gimghat u xhur ta' qabel, assoċja ma' xi persuna jew persuni oħra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibigħ jew jitraffika mediċina f'Malta (eroina) kontra d-disposizzjonijiet ta' l- Ordinanza

dwar il-Mediċini Perikolużi, jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assoċjazzjoni, u dana skont l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuża.

2. fis-17 ta' Gunju, 2010 u fil-gimghat u xhur ta' qabel, importa, ġiegħel li tiġi importata jew għamel xi ħaġa biex tkun tista' tiġi importata mediċina perikoluża (eroina) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u ċioè meta ma kellux awtorizzazzjoni ta' importazzjoni valida, u dana skont it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza.

3. fis-17 ta' Gunju, 2010 u fil-gimghat u xhur ta' qabel kellu fil-pussess konxju tiegħu id-droga eroina meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħrug mit- Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienx bil-liċenza jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-licenza mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa u ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorità mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id- droga fil-pussess tiegħu, u dik id-droga ma gietx fornita lilu għall-użu tiegħu skont ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu eskluzziv tiegħu, u dana skont it-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuża.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-ħati esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti u eżaminata mid-difiża.

Qieset li l-ammissjoni saret qabel ma ġie iffurmat il-ġuri, li pero' ma tistax tissejjaħ waħda bikrija għaliex la saret mal-preżentata b'arrest tal-ħati u lanqas saret waqt il-kumpilazzjoni.

Qieset il-piena li ngħatat minn din il-Qorti f'kazijiet analogi reċentement biex ikun jista' jinżamm certu proporzjon u relativita' fil-piena għal dak li jirrigwarda l-gravita' tar-reat

in kwantu l-kwantita’ u purita’ tad-droga, **meta b' mod specjali meta jkun applikabbli l-artikolu 29 tal-Kap. 101 b’ zewg gradi, kif inhu dal-każ.**

Qieset ukoll illi r-reati dedotti fl-Ewwel u fit-Tieni Kapi tal-Att tal-Akkuza servew bħala mezz ghall-fini biex seta’ jigi kommess ir-reat dedott taħt it-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuza w għalhekk, għall-fini tal-konkors tal-pieni, għandha tapplika r-regola li hemm fl-artikolu 17(h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; (Ara “Ir-Repubblika ta’ Malta vs Mansour Muftah Nagem” [31.10.2002], “Ir-Repubblika ta’ Malta vs Hasan Omar Ibrahim Farag” [15.05.2003] u “Ir-Repubblika ta’ Malta vs Norman Bezzina [09.10.2010].

Qieset ukoll li l-piena li sar qbil fuqha bejn il-Prosekuzzjoni u d-Difiża hija fil-parametri tal-Liġi.

Għalhekk din il-Qorti, wara li rat l-artikoli 2, 9, 10(1), 12, 14, 15A, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d)(7), 22(A), 24A, 26 u 29 ta’ l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluzi u r-regola 9 tar-Regoli ta’ l-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi [N.G. 292 ta’ l-1939] u fl-artikoli 17, 23, 23A, 23B, 23C u 533 tal-Kodici Kriminali tikkundanna lill-ħati Justo Ernesto Bellver Bayo għall-piena ta' hdax-il sena (11) priġunerija kif ukoll multa tlieta w ghoxrin elf Ewro (€23,000) konvertita f’ sena prigunerija jekk ma tithallasx fi zmien hmistax –il jum.

Inoltre tikkundannah iħallas lir-Registratur tal-Qrati s-somma ta' import tal-ispejjeż peritali inkorsi f' din il-kawża u ċioe’ sitt mija w sitta w tmenin Ewro u hamsa w tletin Ewro ċentezmu (€ 686.35) liema spejjeż peritali jekk ma jitħallsux jiġu konvertiti f’terminu ta’ priġunerija skont il-Liġi.

Tordna wkoll il-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta tal-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta ta’ kull flejjes jew proprjeta’ mobbli w immobbli oħra tal-ħati;

Finalment, sakemm l-Avukat Ġenerali ma jindikax b’nota - li għandha tiġi preżentata fi żmien ħmistax-il-jum mil-lum

- li d-droga esebita hija meħtieġa in konnessjoni ma' xi proċeduri kriminali kontra terzi persuni, tordna li d-droga kollha esebita u l-affarijiet li għandhom x'jaqsmu magħha jiġu distrutti a kura tal-Assistent Registratur u taħt is-sorveljanza diretta tad-Deputat Reġistratur ta' din il-Qorti, li għandu jagħmel verbal ta' tali distruzzjoni u jġibu a konjizzjoni ta' din il-Qorti b'nota appożita li kopja tagħha tiġi notifikata lill-Avukat Ġenerali u lill-ħati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------